Jien ħarist fuq il-foqra w fuq l-għonja;
Ħadt mill-kelma taż-żgħażagħ, tax-xjuħ:
W intbaħt dlonk li, f'dal-wied, fejn iġelben
Dmugħ l-għajnejn, salib għandha kull ruħ.

Rajt suldat xejn ma jonqsu ta' ħakma . . .
'Ma bi ġbinu fuq idu . . . ħosbien;
Dritt għaraft li Ħallieqi mas-saltna
Salib tqil għoġbu jtih lil dal-flien.

Rajt suldat ġej mill-gwerra b'driegħ nieqes,
'Ma fuq sidru s-salib tat-tifħir:
Madankollu l-qalbien kien imdejjaq,
Għax ma' dak kellu ieħor wisq kbir.

Rajt mar' għanja titbekka ħdejn binha,
Li fuq sodda tal-mewt kien mimdud,
u malajr l-għajnejn tagħhom ħabbruli
Li salib jiġi b'ieħor mirfud

Rajt għarusa bħal hienja w fuq tagħha,
Tal-ħarir imgħottija b'mantar,
Iżda dina wkoll kellha ġe' qalbha
Salib moħbi ta' żmien mimli mrar.

Ilmaħt tifel lejn xwejjaħ iħares,
Waqt li l-logħ'b ħalla bilġri w iċ-ċajt,
U fil-ħin rajt fuq ħsiebu bħal jaqa'
Toqol kbir illi nifhmu le stajt.

Iżda mbagħ'd ħarist u flejt sewwa . . .
Smajt bħal-leħen qed jidwi fil-bogħ'd,
Illi hiemed ried donnu jsemmagħli
Kliemu, w jgħidli: – Xejn toqgħod
tirtogħ'd . . .

– Żmien għad jgħaddi: w iċ-ċkejken fis
jikber . . .
Jinsa l-ħlieqa w id-daħka w iċ-ċajt:
Għax quddiemu x-xjuħija tleħħ jilmaħ
Sew mimlija b'kemm slaleb int rajt.



# Fil-Mewt ta' Karmenu Vassallo

**Anton F. Attard**

Riferenzi għall-Kitbiet dwaru fil-Ġurnali Lokali

IL-POETA MALTI Karmenu Vassallo miet l-Isptar San Luqa nhar it-Tlieta, 7 ta' April, 1987, fil-għomor ta' 74 sena.

Ftit jiem wara xxandru dawn l-artikli speċjali u ta' interess dwar il-poeta:


1) 'Tislima lil Karmenu Vassallo', *It-Torċa*, 12.4.87, p. 11, (+ ritratt); *ibid.*, 19.4.87, p. 15 (+ ritratt); *ibid.*, 26.4.87, p. 15, (+ ritratt).
2) 'Karmenu Vassallo Ħabib Sinċier', Ġużè Chetcuti, *L-Orizzont*, 13.4.87, p. 15, (+ ritratt).
3) 'Riflessjonijiet għall-Ħajjin – wara l-Mewt ta' Karmenu Vassallo', Prof. Ġużè Aquilina, *Il-Ħajja*, 13.4.87, p. 7.
4) 'Il-Bniedem fil-Poeta – Tislima lil Karmenu Vassallo', Lino Spiteri, *L-Orizzont*, 15.4.87, p. 7.
5) 'Karmenu Vassallo – Appreciation', Dr. Mark Said, LL.D., *The Times*, 15.4.87, p. 9.
6) 'Il-Poeta Karmenu Vassallo – Il-Poeta tan-Nirien u n-Nisrani Twajjeb u Ġwejjed', Paul Saliba, L.P., *Leħen is-Sewwa*, 18.4.87, p. 7, (+ ritratt).
7) 'Il-Poeta Karmenu Vassallo – Apprezzament', William Arena, *L-Orizzont*, 20.4.87, p. 7.
8) 'Il-Poeta Karmenu Vassallo – Tifkiriet', ta' Dun Lawrenz Cachia, *Il-Ħajja*, 21.4.87, p. 7.
9) 'Tan-Nirien', Nikol Spiteri, Siġġiewi, *Il-Ħelsien*, 24.4.87, p. 5.
10) 'Dwar Karmenu Vassallo', Anonimu, *Il-Ħelsien*, 24.4.87, p. 8, (+ ritratt).
11) 'Miet il-Poeta tan-Nirien – Karmenu Vassallo', *In- . . . Tagħna*, 25.4.87, p. 14, (+ ritratt).
12) 'Miet il-Poeta tan-Nirien – Karmenu Vassallo', *Il-Mument*, 26.4.87, p. 15.
13) 'Tifkiriet ta' Karmenu Vassallo', Ġanni Zammit, *Il-Ħajja*, 1.5.87, p. 5.
14) 'Ittra oħra lil Karmenu Vassallo – Riflessjonijiet quddiemu fil-Jum Speċjali tiegħu', Oliver Friggieri, *Leħen is-Sewwa*, 2.5.87, p. 7, (+ ritratt).
15) 'Fil-Mewt ta' Karmenu Vassallo', poeżija ta' Ġanni Zammit, *Il-Ħajja*, 8.5.87, p. 4.
16) 'Karmenu Vassallo u Jien', Anton F. Attard, *It-Torċa*, 10.5.87, p. 23, (+ 2 ritratti).
17) 'Memories of Karmenu Vassallo', Ileana Curmi, B.A.(Hons.), *The Sunday Times*, 10.5.87, p. 19.
18) 'Karmenu Vassallo miet fis-7 ta' April, 1987', Nekroloġija, Karmenu Ellul Galea, *Il-Malti*, il-Ktieb għas-sena 1987, pp. 44–46, (+ ritratt).